DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/716

tat-28 ta' Marzu 2023

li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Portugiża, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Portugiż,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Luís Miguel DA SILVA MENDONÇA ALVES sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sur Pedro Miguel CÉSAR RIBEIRO bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isir vakanti s-siġġu ta' membru supplenti.

(5) Il-Gvern Portugiż ippropona lis-Sur Pedro Miguel CÉSAR RIBEIRO, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Presidente da Câmara Municipal de Almeirim* (Sindku ta' Almeirim), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(6) Il-Gvern Portugiż ippropona lis-Sa Cristina DE FÁTIMA SILVA CALISTO, rappreżentanta ta' korp lokali li għandha mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Presidente da Câmara Municipal de Lagoa* (Sindku ta' Lagoa), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Pedro Miguel CÉSAR RIBEIRO, *Presidente da Câmara Municipal de Almeirim* (Sindku ta' Almeirim),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sa Cristina DE FÁTIMA SILVA CALISTO, *Presidente da Câmara Municipal de Lagoa* (Sindku ta' Lagoa).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Marzu 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
E. BUSCH